MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 75/2013

**GO p.l.c.**

**vs**

**Anna Maria Carbajal [ID No. 50210A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-25 ta' Frar, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' seba' mija tnejn u tletin euro u disghin ċenteżmu [€732.90c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi 'l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' seba' mija u tnejn u tletin ewro u disghin centezmi (€732.90) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40102726 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C40102726 u Dok IZY3-

kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi 'l-konvenuta giet 'nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra 'l-konvenuta li minn issa hija ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2013, nhar it-23 ta' Ottubru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-23 ta' Ottubru, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' seba' mija tnejn u tletin euro u disghin ċenteżmu [€732.90c] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------